www.ansell.com

Instructions for use

MECHANICAL & THERMAL RESISTANCE

Europe, Middle East and Africa (EMEA) Region
Ansell Healthcare Europe NV
Riverside Business Park
Blvd International, 55
1070 Brussels, Belgium
☎ +32 2 528 74 00
🖷 +32 2 528 74 01

Russia
Анселл РУС
Краснопресненская
Наб. 12, п. 3, оф 1103
123610 Москва, Россия
☎ +7 495 258 13 16

THIS PAGE INTENTIONALLY LEFT BLANK

Applicable to Great Britain

1. For products that carry CE, the following mark also applies:

UK CA

2. For products that carry CE 0493, the following mark also applies:

UK CA 0321

UK IMPORTERS **Nitritex Limited,** Ground Floor, 15 Kings Court, Willie Snaith Road, Newmarkey, Suffolk, CB8 7SG, United Kingdom

Ansell (U.K.) Limited, Block C, Willerby Hill Business Park, Willerby, Hull, HU10 6FE, United Kingdom

Ansell

2021-07

1	EN ISO 21420: 2020	2	A B C D E P EN 388: 2016 + A1: 2018
3	A B C D E F EN 407: 2020	4	A B C D E F EN 407: 2020
5	GR ISO 18889: 2019	6	A B C EN 511: 2006
7	EN 12477:2001+A1:2005	8	EN 16350: 2014
9	CE	10	UK CA
11		12	EAC TP TC 019/2011
13	CA XX.XXX	14	LATEX

Ansell

MT – ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU – INGWANTI U KMIEM MEKKANIĊI U REŻISTENTI GĦAS-SĦANA TA' ANSELL

UŻU: Din l-istruzzjoni dwar l-Użu għandha tintuża flimkien mal-informazzjoni speċifika li tidher fuq l-ingwanti u/jew il-pakkett ta' barra tagħhom. Dawn il-prodotti huma ddisinjati biex jipproteġu l-idejn (ingwanti) jew dirgħajn (kmiem) mir-riskji kif muri mill-pittogrammi murija, kif definit fl-istandards rilevanti EN jew EN ISO. Jekk joġħġbok żgura li l-prodotti jintużaw biss għall-iskopijiet indikati, kif spjegat hawn fuq. **SPJEGAZZJONI TAL-IMMARKAR U L-PITTOGRAMMI LI JISTGĦU JIDHRU FUQ L-INGWANTI/L-IPPAKKJAR: 1. EN ISO 21420: 2020 –** Jekk joġħġbok aqra l-Istruzzjonijiet dwar l-Użu, qabel tuża l-prodotti, jew ikkuntattja lil Ansell għal aktar informazzjoni. Jekk jissemma' livell X taħt xi pittogrammi, dan ifisser li dan il-test ma japplikax u l-ingwanti mhumiex iddisinjati u għalhekk m'għandhomx jintużaw għal dan il-periklu speċifiku. **2. EN 388: 2016 + A1: 2018 Protezzjoni minn riskji mekkaniċi –** A: Reżistenza kontra l-brix (livelli ta' prestazzjoni 0 sa 4) – B: Reżistenza kontra l-qtugħ mix-xfafar (livelli ta' prestazzjoni 0 sa 5) – C: Reżistenza kontra t-tiċrit (livelli ta' prestazzjoni 0 sa 4) – D: Reżistenza kontra t-titqib (livelli ta' prestazzjoni 0 sa 4) – E: Reżistenza kontra l-qtugħ TDM ISO EN 13997 (livelli ta' prestazzjoni A sa F) – P: Protezzjoni mill-Impatt (mhux obbligatorja) = ingwanti li jipprovdu protezzjoni kontra l-impatt fiż-żona tal-għekieġi tas-swaba' tal-ingwanta (ma japplikax għaż-żona tas-swaba' li ma tistax tiġi ttestjata). Jekk l-eboda P ma jkun iddikjarat, l-ebda protezzjoni kontra l-impatt ma tapplika. ***Twissija!*** Il-livelli ta' prestazzjoni (A sa E) iddikjarati għall-ingwanti huma bbażati fuq testijiet imwettqa fuq in-naħa tal-pala tal-id tal-ingwanti biss. Għal ingwanti li jkollhom żewġ saffi jew iżjed, dawn il-livelli globali ta' prestazzjoni mhux neċessarjament jirriflettu l-prestazzjoni tas-saff ta' barra nett tal-ingwanta. Għal ingwanti fejn in-naħa tal-pala tal-id u l-wiċċ ta' wara jkunu differenti, il-protezzjoni mekkanika tapplika biss għan-naħa tal-ingwanta fejn ikun hemm il-pala tal-id. **3. EN 407: 2020 Protezzjoni kontra s-sħana u l-fjammi. 4. EN 407: 2020 Protezzjoni kontra s-sħana –** A: Firxa limitata tal-fjamma (livelli 0 sa 4) – B: Sħana ta' kuntatt (livelli 0 sa 4) – għall-protezzjoni fil-pala tal-id biss – C: Sħana konvettiva (livelli 0 sa 4) – protezzjoni kemm lill-pala tal-id kif ukoll għall-wiċċ ta' wara – D: Sħana radjanti (livelli 0 sa 4) – protezzjoni kemm għall-pala tal-id kif ukoll għall-wiċċ ta' wara – E: Titjir żgħir ta' metall maħlul (livelli 0 sa 4) – protezzjoni għall-pala tal-id, il-wiċċ ta' wara u l-parti tal-polz – F: Kwantitajiet kbar ta' metall maħlul (livelli 0 sa 4) – protezzjoni għall-wiċċ ta' wara u l-parti tal-polz. ***Twissija!*** Fil-każ ta' titjir ta' metall maħlul l-utent għandu jitlaq minn fuq il-post tax-xogħol immedjatament u jneħħi l-ingwanta. L-ingwanta tista' ma teliminax ir-riskji kollha ta' ħruq. Għal ingwanti li għandhom iktar minn saff wieħed, il-prestazzjoni tapplika biss għall-protodt shih inkluż is-saffi kollha. **5. ISO 18889: 2019 Protezzjoni kontra pestiċidi niexfa parzjalment jew kompletament –** Għal ingwanti fejn in-naħa tal-pala tal-id u l-wiċċ ta' wara jkunu differenti, il-protezzjoni tapplika biss għan-naħa fejn ikun hemm il-pala tal-id u t-truf tas-swaba tal-ingwanta. u biss għal ħaddiema li jerġgħu jidħlu wara l-intervall għall-użu kontra ħdaljiet ta' pestiċidi niexfa jew parzjalment niexfa li jibqgħu fuq wiċċ il-pjanta wara l-applikazzjoni tal-pestiċidi. ***Twissija!*** L-informazzjoni dwar ir-reżistenza għall-pestiċidi tista' ma tirriflettix it-tul ta' żmien attwali tal-protezzjoni fil-post tax-xogħol u d-differenza bejn taħlitiet u kimiċi puri. Huwa rrakkomandat li tivverifika li l-ingwanti huma tajbin għall-użu mahsub minħabba li l-kundizzjonijiet tal-użu fil-post tax-xogħol jistgħu jkunu differenti mill-kundizzjonijiet ittestjati skont it-temperatura, il-brix u d-degradazzjoni. Meta jintużaw, l-ingwanti protettivi jistgħu jipprovdu inqas reżistenza għall-kimika perikoluża minħabba bidliet fil-proprjetajiet fiżiċi. Movimenti, titqib, ħakk u degradazzjoni kkawżati mill-kuntatt mal-kimika, eċċ., jistgħu jnaqqsu l-ħin attwali tal-użu b'mod sinifikanti. Għal kimiċi korrożivi, id-degradazzjoni tista' tkun l-aktar fattur importanti li wieħed għandu jikkunsidra fl-għażla tal-ingwanti reżistenti għall-kimika. It-tul tat-test ma jiġix ibbażat fuq il-ħin tal-użu attwali billi t-test tal-permeazzjoni huwa test aċċellerat li fih il-wiċċ tal-kampjun ikun f'kuntatt kostanti mal-kimika tat-test. Għalkemm it-tul ta' żmien tal-espożizzjoni jista' jkun għal perjodu itwal matul l-applikazzjoni fuq il-post ta' studju b'formulazzjoni dilwita, is-superfiċje kollha ma tkunx f'kuntatt kostanti mal-kimika tat-test. **6. EN 511: 2006 Protezzjoni kontra l-kesħa –** A: Kesħa konvettiva (livelli 0 sa 4) – B: Kesħa ta' kuntatt (livelli 0 sa 4) – C: Penetrazzjoni tal-ilma (0 jew 1) – ***Twissija!*** Għall-ingwanti li huma ddikjarati b'livell ta' 0, għandu jiġi nnutat li dawn jistgħu jitlifu l-proprjetajiet insulattivi tagħhom kontra l-kesħa meta jixxarrbu. **7. Protezzjoni kontra l-iwweldjar: EN 12477: 2001 + A1: 2005. EN 12477A = Protezzjoni kontra applikazzjonijiet ta' wweldjar bi sħana aktar qawwija, li jinkludu wweldjar stick u MIG. EN 12477B = Protezzjoni kontra applikazzjonijiet ta' wweldjar bi sħana inqas qawwija li jeħtieġu destrezza għolja tal-ingwanti, li jinkludu wweldjar TIG.** Meta l-ingwanti jkunu qed jintużaw għal arc welding, dawn m'għandhomx jintużaw biex jipproteġu kontra xokk elettriku. Ir-reżistenza elettrika tal-ingwanta tonqos jekk l-ingwanti jixxarbu. L-ingwanta normalment ma tippermettix penetrazzjoni ta' radjazzjoni UV. M'hemm l-ebda metodu standardizzat ta' testijar biex wieħed jiskopri penetrazzjoni tal-UV. **8. EN 16350: 2014 Ingwanti adatti għall-użu f'żoni fejn jeżistu żoni li jieħdu n-nar jew splussivi. MARKI REGOLATORJI: 9.** Il-prodott huwa konformi u ċċertifikat skont ir-rekwiżiti tar-Regolament Ewropew dwar it-Tagħmir Protettiv Personali 2016/425. Ċertifikat tal-eżami tat-Tip PPE (Modulu B) u, fejn applikabbli, Konformità mat-tip ibbażata fuq l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-proċess tal-produzzjoni (Modulu D) minn Centexbel Belgium (I.D. 0493), Technologiepark 70, B-9052 Zwijnaarde. **10.** Il-prodott huwa konformi u ċċertifikat skont ir-rekwiżiti tat-Tagħmir Protettiv Personali 2016/425, kif ġie inkluż fil-liġi tar-Renju Unit u emendat. Ċertifikat tal-eżaminazzjoni tat-tip (Modulu B) u, fejn applikabbli, Kontrolli tal-prodott li jsiru taħt superviżjoni (Modulu C2) jew Konformità mat-tip abbażi tal-assigurazzjoni tal-kwalità tal-proċess tal-produzzjoni (Modulu D) minn Satra Technology Centre, Wyndham Way, Telford Way, Kettering, Northamptonshire, NN16 8SD, ir-Renju Unit. Biex tikseb id-Dikjarazzjoni ta' Konformità tal-UE jew tar-Renju Unit, jekk joġħġbok mur fuq: www.ansell.com/regulatory **11.** Adattat għall-kuntatt mal-ikel. Il-prodotti li juru din il-pittogramma huma konformi mar-Regolamenti Ewropej 1935/2004 u 2023/2006 kif ukoll mar-Regolamenti Nazzjonali kollha applikabbli għall-materjali li jiġu f'kuntatt mal-Ikel. **12.** Il-prodott hu konformi u ċċertifikat skont ir-rekwiżiti tar-Regolament Russu tad-Dwana TP TC 019/2011. **13.** Ċertifikat ta' Approvazzjoni, kif iċċertifikat skont ir-rekwiżiti tar-Regolament Brażiljan (b'XX.XXX li jirreferi għan-numru taċ-ċertifikat). Għal aktar informazzjoni dettaljata dwar il-prestazzjoni tal-prodott, jekk joġħġbok ikkonsulta lil Ansell. **PREKAWZJONIJIET GĦALL-UŻU:** Qatt m'għandek tuża l-ingwanti/kmiem ma' kimiċi likwidi. Jekk l-ingwanti jintużaw għall-protezzjoni f'applikazzjonijiet tal-pestiċidi, għandhom jintużaw biss kontra pestiċidi niexfa parzjalment jew kompletament. Għal ingwanti li għandhom kisja ta' tessut, għandek tkun avżat li l-pestiċidi jistgħu potenzjalment jiġu assorbiti minn dragpijiet bħal dawn. Qabel l-użu, eżamina l-ingwanti/kmiem għal kwalunkwe difetti jew imperfezzjonijiet. Evita li tilbishom jekk ikunu maħmuġin fuq ġewwa – dawn jistgħu jirritaw il-ġilda, u jikkawżaw dermatite jew aġħar. L-ingwanti/kmiem m'għandhomx jiġu f'kuntatt ma' fjamma miksuża sakemm ma jkunux iddikjarati bil-pittogramma EN 407 għall-protezzjoni kontra s-sħana u l-fjammi. Il-prodotti ddikjarati b'EN 407 mhumiex intenzjonati biex jintużaw f'kundizzjonijiet imxarrbin għall-protezzjoni kontra s-sħana. Ingwanti/kmiem kontaminati għandhom jitnaddfu jew jinħaslu jew jintmeshu sakemm ikunu xotti qabel jitneħħew. Evita li tmiss uċuħ ikkontaminati b'idejk mikxufin. Ingwanti/kmiem li jkollhom livell ta' tiċrit ta' 1 jew aktar (skont EN 388) m'għandhomx jintużaw għall-protezzjoni kontra xfafar bis-snien jew meta jkun hemm riskju li jinqabdu mal-partijiet tal-magna li jkunu jiċċaqalqu. Ingwanti/kmiem adattati għall-kuntatt ma' oġġetti tal-ikel jistgħu juru xi migrazzjoni kontra oġġetti tal-ikel speċifiċi. Jekk joġħġbok ikseb parir mingħand Ansell jew ikkonsulta d-dikjarazzjoni ta' Konformità tal-Ikel ta' Ansell biex tkun taf jekk japplikawx restrizzjonijiet speċifiċi u għal liema oġġetti tal-ikel speċifiċi jistgħu jintużaw l-ingwanti/kmiem. Jekk l-ingwanti/kmiem ikunu mmarkati, l-uċuħ stampati m'għandhomx jiġu f'kuntatt mal-ikel. Jekk l-ingwanti/kmiem ikunu qed jintużaw f'ambjenti splussivi (ATEX), jekk joġħġbok aċċerta ruħek li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' EN 16350. Persuni li jilbsu dawn il-prodotti għandhom ikunu ertjati kif suppost, eż., billi jilbsu żraben u ħwejjeġ adegwati. ***Twissija!*** L-ingwanti/kmiem m'għandhomx jithallew mhux ippakkjati, miftuħa, aġġustati jew imneħħija waqt li jkunu f'atmosferi fjammabbli jew splussivi. Il-propjetajiet elettrostatiċi tal-ingwanti/kmiem jistgħu jiġu affettwati ħażin miż-żmien, xedd u kedd, kontaminazzjoni u ħsara, u jistgħu ma jkunux suffiċjenti għal atmosferi fjammabbli arrikkiti bl-ossiġnu fejn evalwazzjonijiet addizzjonali huma meħtieġa. Jekk l-ingwanti/kmiem jintużaw għal applikazzjonijiet ta' wweldjar, żgura li jsemmu EN 12477. **INGREDJENTI/INGREDJENTI PERIKOLUŻI:** Xi ingwanti/kmiem jista' jkun fihom ingredjenti li hu magħruf li jistgħu jikkawżaw allerġiji f'persuni sensittivi, li jistgħu jżviluppaw reazzjonijiet ta' irritazzjoni u/jew allerġiċi malli jmissu mal-ingwanti. Jekk ikun hemm reazzjonijiet allerġiċi, ikseb parir mediku immedjatament. **14.** ***Twissija!*** Jekk l-ingwanti/kmiem ikollhom il-lattiċi naturali, dan ikun imsemmi fuq l-ippakkjar. F'dak il-każ, DAN IL-PRODOTT JISTA' JIKKAWŻA REAZZJONIJIET ALLERĠIĊI lil persuni sensittivi. **ISTRUZZJONIJIET DWAR IL-KURA:** Ħażna: Żomm 'il boġħod minn dawl dirett tax-xemx; aħżen f'post frisk u xott u żommhom fl-ippakkjar oriġinali. Żomm 'il boġħod minn sorsi ta'ożonu. Jekk l-ingwanti/kmiem jinħażnu kif suppost, kif indikat hawn fuq, mhumiex se jitilfu l-prestazzjoni tagħhom u mhux se jibdlu l-karatteristiċi ta' ingwanta b'mod sinifikanti. Jekk l-ingwanti/kmiem jistgħu jiġu affettwati miż-żmien jew mill-ħażna, id-data ta' skadenza tissemma fuq il-prodotti u/jew il-materjali tal-ippakkjar tagħhom. Tindif: L-ingwanti/kmiem li jistgħu jinħaslu jkollhom pittogrammi dwar il-kura, li jkunu murija fuq l-informazzjoni speċifika fuq jew fuq ġewwa ta' kull għeluq tal-ippakkjar. Għal dawn l-ingwanti, il-prestazzjoni tal-ingwanta mhux użata mhux se tonqos wara ċiklu wieħed ta' ħasil. Hu l-kljent jew min jieħu ħsieb il-ħasil li huma responsabbli għall-prestazzjoni tal-ingwanti wara l-ħasil meta l-ingwanti jkunu diġà intużaw. Ansell ma tistax tinżamm responsabbli għal dan. **RIMI:** Prodotti użati li huma kkontaminati b'materjali infettivi jew materjali perikolużi oħra għal fdalijiet ta' pestiċidi għandhom jintremew u mhux jintużaw mill-ġdid. L-ingwanti/kmiem għandhom jintremew ukoll ladarba juru xi sinjali viżibbli ta' degradazzjoni waqt l-użu, għal telf ta' kulur, tiċrit, toqob u għfujja tal-ingwanti. Armihom skont ir-Regolamenti tal-Awtorità Lokali. Armihom f'miżbla jew aħraqhom taħt kundizzjonijiet ikkontrollati.